MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 218/2012

**Tonio Zammit (ID 324979M)**

**vs**

**Polidano Brothers Limited (C 8884)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrent fil 25 ta' Gunju 2012 fejn talab lill-Qorti tordna lis-socjeta intimata thallsu is-somma ta' erbat elef u tmienja u tletin Euro u zewg centezmi (€4,038.02) jew somma ohra rappresentanti arretrati ta' salarji, bonuses, kumpens ghal vacation leave mhux utilizzat u notice money dovut ghal meta kien jahdem mas-socjeta intimata.

Rat l-eccezzjonjiet tas-socjeta intimata ippresentati fit 8 ta' Lulju 2012 fejn laqghet ghal dak mitlub billi stqarret illi t-talbiet attrici kienu bla bazi u li s-socjeta dejjem ottemperat ruhha mal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tal-attur.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri ippresentat mis-socjeta intimata fit 3 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet l-incompetenza ratione materie ta' dina l-Qorti stante illi l-meritu tat-talbiet ta' l-attur jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industriali ai termini tal-Kap 452.

Rat l-affidavit ta' **Tonio Zammit** ippresentat fil 5 ta' Ottubru 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni hemm annessa.

Rat illi fit 2 ta' Novembru 2012 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Ian Napier**, Human Resources Manager tas-socjeta intimata, moghtija fl 4 ta' Frar 2013, flimkien ma' dokumentazzjoni ippresentata seduta stante.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Roderick Zammit** moghtija fil 15 ta' Marzu 2013 u fit 13 ta' Mejju 2013, li kien investiga rapport illi sarlu mis-socjeta intimata fil 15 ta' Dicembru 2011 dwar ir-rikorrent kif ukoll dokumentazzjoni minnu ippresentata.

Semghet ix-xhieda ta' **Gordon Polidano** moghtija fl-24 ta' Gunju 2013 u dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Rat l-affidavit ta' Gordon Polidano ippresentata fit 23 ta' Ottubru 2013 flimkien ma' dokumentazzjoni.
Semghet il-kontro ezami ta' Tonio Zammit illi sar fil 25 ta' Ottubru 2013.

Semghet il-kontro ezami ta' Gordon Polidano moghtija fl-14 ta' April 2014.

Rat illi fl-14 ta' April 2014 il-Qorti iddikjarat il-provi bhala maghluqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tas-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, jirrizulta illi ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta intimata bhala Purchasing Clerk mid 9 ta' Gunju 2008 sat 28 ta' Ottubru 2011, fuq kuntratt indefinit. Is-socjeta intimata eventwalment itterminat l-impjieg tieghu fuq bazi dixiplinari, kif jidher a fol 149 tal-process fid 19 ta' Dicembru 2011.

Ma jirrizultax mill-provi prodotti, illi r-rikorrent mexxa quddiem it-Tribunal Industrijali kontra it-tkeccija tieghu, w il-Qorti taghmilha cara minn issa illi kwalsiasi provi imressqa fuq ir-raguni tat-tkeccija da parte tas-socjeta intimata ma humiex qed jigu kkunsidrati minnha.

It-rikorrent, permezz tal-kawza odjerna, qieghed jitlob ghal hlas tal-paga dovuta lilu f'Ottubru 2011 flimkien ma' hlasijiet ohra relatati ma' vacation leave u bonuses. Ir-rikorrenti qieghed ukoll jitlob il-hlas ta' xahar paga bhala 'Notice Period' lilu dovuta peress illi l-impjieg twaqqaf mis-socjeta intimata hesrem. Dana kien jaghmel total ta' € 4,038.02, kif jidher fid-dokument esebit mill-istess rikorrent flimkien mar-rikors promotur, a fol 2 tal-process.

Is-socjeta intimata, da parte taghha, ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghha ikkontestat it-talbiet kollha, jirrizulta li kienet baghtet l-ahhar pagament dovut lir-rikorrent lid-Dipartiment ghall-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali fl-import ta' €1,144.84, liema Dipartiment eventwalment iddepositah fil-Qorti bhala rizultat ta' Mandat ta' Sekwestru 1737/12 fl-ismijiet "Tonio Zammit vs Polidano Brothers Limited" kif jidher fid-dokument li jinstab a fol 147 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta intimata, bhala eccezzjoni ta' natura preliminari izda li giet intavolata waqt il-mori tal-procediment, sahqet illi dina l-Qorti kienet inkompetenti sabiex tisma l-kawza odjerna peress illi l-kompetenza ta' tali kaz kienet wahda ta' gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industriali. Ghalkemm is-socjeta intimata naqqset milli tindika l-artikoli tal-Ligi fl-eccezzjonijet taghha, il-Qorti tifhem li qed issir ghall-gurisdizzjoni esklusiva moghtija lit-Tribunal Industrijali permezz ta' l-artikoliu 75 tal-Kap 452. Fis-sottomissjonijiet taghha, imbghad, is-socjeta intimata tindika bhala bazi tal-eccezzjoni taghha, l-Artikolu 15 (1) li jitkellem dwar deicjoni mehudha mill-principal biex inaqqas il-paga kif ukoll l-Artikolu 22 (2) illi titkellem dwar hlas tal-pagi meta il-kuntratt ta' servizz jigi terminat.

Ghadu jigi mal-ewwel rilevat illi, kif gia sahqet dina l-Qorti u kkonferma ir-rikorrenti anke fl-affidavit tieghu, il-fatt dwar jekk it-tkeccija tieghu kienetx ingusta jew le ma hijiex kwistjoni illi ser tigi kkunsidrata minn dina l-Qorti - kienet kwistjoni illi kellha tigi dibattuta esklussivament fit-Tribunal Industrijali u imkien aktar.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi ma jista jkun qatt fl-ispirtu tal-Ligi, kemm dik miktuba kif ukoll dik naturali, illi l-Qrati icahdu lir-rikorrent id-dritt li jitlob li jithallas dak dovut lilu bhala paga ghas-servizz minnu res. Il-Qorti qieghda hemm sabiex tassikura illi ssir il-gustizzja ma' min jitlobha u certament ma hijiex ser taccetta eccezzjoni bhal din sabiex iccahhad lir-rikorrent minn dak illi huwa lilu dovut. Madanakollu, ghandu jigi rilevat illi l-kostazzjonijet illi ghandha taghmel il-Qorti ghandhom ikunu limitati ghal dik illi hija paga dovuta fil-mument tat-terminazzjoni, u mhux hlasijiet dovuti lir-rikorrent naxxenti mid-dettam tal-ligi tal-Kap 452, li allura jaqa fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Dana qieghed jinghad peress illi, fost affarjiet ohra, ir-rikorrent qieghed jitlob ghal hlas ta' 'notice money', liema dritt seta gie stabbilit biss mit-Tribunal Industrijali, wara illi tqies jekk it-tkeccija tar-rikorrent kienetx wahda ingusta jew le. Ma hijiex kompetenza tal-Qorti tevalwa jekk tali tkeccija kienetx wahda ingusta jew le.

L-unika haga illi tista taghmel il-Qorti hija illi tezamina id-dokumentazzjoni relatata mal-paga ufficjali illi r-rikorrenti kien dovut u tghaddi ghall-konkluzjonijiet taghha fuq dak. Kwalsiasi konsiderazzjonijiet ohra imorru oltre il-kompetenza tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi ir-rikorrent, ghal periodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u il 31 ta' Ottubru 2011, kellu jippercepixxi paga ta' €1,144.84, skond kif jidher fil-'Pay Slip' mahruga mis-socjeta intimata u minnha ippresentata a fol 75 tal-process.

Jirrizulta ukoll illi fit 8 ta' Jannar 2012, is-socjeta intimata baghtet cheque fl-import ta' €1,144.84 lid-Dipartiment ghall-Impjieg u Relazzjonijet Industrijali wara illi ir-rikorrent kien ghamel claim ma' l-istess Dipartiment fl-20 ta' Dicembru 2011. Dana jirrizulta minn Cedola ta' Depositu maghmulha mill-istess Direttur fit 12 ta' Lulju 2012 wara illi gew notifikati b'mandat mahrug mill-istess rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Kif gia qalet il-Qorti, hija prekluza milli tidhol fil-meritu tat-tkeccija tar-rikorrent mis-socjeta intimata, u ghalhekk hija prekluza wkoll milli tidhol fid-dettalji dwar jekk ir-rikorrent ghandhu jinghatax aktar minn dak illi jidher 'prima facie' dovut lilu.

Kull decizjoni dwar jekk ir-rikorrent kellhux dritt ghal aktar kumpens minn dak li jidher illi huwa dovut 'prima facie' jispetta lit-Tribunal Industrijali.

Abbazi ta' tali konsiderazzjonijiet, jirrizulta ben ippruvat illi, 'prima facie', ir-rikorrent kien dovut is-somma ta' €1,144.84, bhala paga dovuta lilu sa' l-ahhar ta' Ottubru 2011, wara liema data ma baqax jahdem mas-socjeta intimata.

Il-Qorti tosserva wkoll illi is-socjeta intimata stess accettat illi tali ammont huwa dovut lilu wkoll, peress illi ntbghat pagament lid-Direttur ghall-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali li kien tqabbad mir-rikorrent biex jiddefendi d-drittijiet spettanti lir-rikorrent bhala impjegat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi semghet ix-xhieda imressqa u rat id-dokumentazzjoni kollha.

Wara illi rat is-sottomissjonijet tal-konsulenti legali taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha tas-socjeta intimata

**Tilqa** it-talbiet attrici limitatament fis-sens illi tiddikjara illi s-somma dovuta mis-socjeta intimata lir-rikorrent hija fl-ammont ta' elf mija u erbgha u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€1,144.84) u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elf mija u erbgha u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€1,144.84).

Stante illi s-somma indikata hija gia depositata il-Qorti, imghax ma ghandhux jiddekorri.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------